IR-RABA' KTIEB DIĊEMBRU
TA' L-ERBGHA U GHOXRIN SENA 1948.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-Editur—Biex Niftiehmu . . . . . Faċċ. 97
—Pranzu f'ġieh il-President tal-Għaqda fil-"Hotel Phoenicia" ,, 99
Kan. G. M. Farrugia—*It-Tberik tal-Mejda* ,, 103
Dun Frans Camilleri—*Omm Helwa tal-Bnedmin* ,, 104
Erin Serracino-Inglott—*Ġesù u l-Madliena* ,, 105
Ġużè Galea—Cassola bħala Awtur Drammatiku ,, 106
Albert M. Cassola—Pape Satan Aleppe ,, 107
Ġużè Chetcuti—*U Hekk għal Dejjem* ,, 112
Nemo—*Jekk lejn is-Sena Tħares* ,, 119
Kronaka ta' "Il-Malti" ,, 120
M. Agius—"Il-Mons. F. S. Caruana" ,, 122
Reċensjonijiet ,, 123
W[illegible] tas-Sena 1948 127

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — DIĊEMBRU 1948

# *BIEX NIFTIEHMU*

*META aħna fl-aħħar artiklu editorjali tkellimna fuq il-ħtieġa li kull membru ta' xirka għandu jaħdem b'fehma safja ta' interess kollettiv u id f'id ma' sħabu, li kull xirka, fejn hemm skop wieħed, bħalma hi kull xirka letterarja Maltija, għandha għall-istess skop kollettiv taħdem id f'id ma' seħbitha, jekk għandna tassew għal qalbna l-isvilupp tal-Malti; illi fuq l-istess prinċipju, u dejjem għall-ġid u progress tal-Malti, għandu hekk ukoll kull konkorrent f'konkors letterarju jaħdem u jimxi skond ma titlob id-dixxiplina ta' dak il-konkors, aħna ma ridna nolqtu lil ħadd, jew, lil xi ħadd b'mod partikulari minn dawk l-individwi li għandhom sehem f'xirka, moviment jew konkors letterarju, iżda l-ħsieb tagħna ma kienx ħlief li nfakkru x'inhu d-dmir tal-membru ta' xirka letterarja, id-dmir u l-imġiba ta' kull konkorrent fuq xi għajdut li ntqalu u xi kommenti li dehru fl-istampa wara l-aħħar konkors teatrali. U dan li għedna nerġgħu nwettquh għax nafu tajjeb il-ħsara li tista' tiġri għall-progress ta' kull moviment letterarju meta wieħed jonqos minn dan id-dmir.*

*L-osservazzjonijiet tagħna ma kellhom, nerġgħu ngħidu, ebda ħsieb li jolqtu lil ħadd, imma lil kulħadd: lil dawk li meta jpoġġu id waħda fuq sidirhom iħossu li għamlu ħażin u li ma mxewx skond ma jitlob id-dmir ta' membri f'konkors, ta' membri li għandhom ikunu solidali lejn l-interess kollettiv tal-Lsien Malti sew bħala membri ta' xirka letterarja kemm bħala konkorrenti.*

*Naħseb li din id-dikjarazzjoni editorjali għandha tneħħi minn moħħ dawk li dehru imfantsin fuq twissija li għamilna b'dak l-ispirtu li s'issa dejjem urejna fl-interess tal-Għaqda u tal-Malti.*

* * *

*Aħna ma xtaqniex noqogħdu nfakkru kemm il-Għaqda tal-Malti sa mindu nħolqot imxiet bil-ħsieb li tgħin mhux biss lill-membri ta' ġewwa ħdanha, iżda wkol lil oħrajn barranin li tħajru jimxu fuq il-moviment u prinċipji ewlenin tagħha; kemm dejjem fittxet li taħdem magħhom id f'id, u dana, inwettquh bil-qawwa kollha, biex inneħħu minn xi mħuħ xi preġudizzji koroh fuq il-Għaqda.*

*Il-Għaqda (u meta ngħidu l-"Għaqda" rridu nfissru l-membri meħudin kollha kemm huma bħala korp kostitwit ta' xirka letterarja) ma għandha ebda interess li tnaqqas il-mertu letterarju ta' ħadd u lanqas li tfixkel għal xi passjonijiet ta' egojiżmu jew għira l-inizjattiva ta' ebda xirka, iżda bħala l-ixjeħ tixtieq tkun ta' eżempju għal dik li hi ħidma għalenija u sinċiera lejn kull moviment jew xirka li b'xi mod jew ieħor qed titħabat magħha biex tmexxi 'l-Malti 'l quddiem u tħarsu minn kull tehdida li tista' teqred il-frott tal-ħidma letterarja tagħha li s'issa rnexxielha tgħix għal fuq minn kwart ta' seklu.*

---

## IL-Kav. Dr. Ġ. GALEA M.D., D.P.H., MAHTUR MEMBRU TA' L-ORDNI TA' L-IMPERU INGLIŻ

Fil-waqt li qed naqraw l-aħħar provi ta' "IL-MALTI" fl-aħbarijiet ta' l-Ewwel tas-Sena qrajna b'ferħ kbir illi l-Kav. Dr. Ġużè Galea, President tal-Għaqda u Direttur ta' "IL-MALTI", ġie mżejjen mill-Maestà Tiegħu r-Re bit-titlu ta' M.B.E., li tingħata għal xi merti fil-ħidma għall-Imperu Ingliż.

Aħna nifirħulu f'isem il-Membri tal-Għaqda u ta' l-Imseħbin kollha ta' din ir-Rivista, fil-waqt li nixtiqulu kull risq għalli ġej fil-ħidma tiegħu bħala suddita Ingliż magħruf mill-Kuruna għall-ħidma leali tiegħu bħala President tal-"Għaqda" u Direttur ta' "IL-MALTI", għaliex inħossu li kull ġieħ li jingħata lilu jirrifletti fuq isimna bħala Maltin u bħala Membri tal-"Għaqda".

## "AT HOME" FID-DAR TAL-PRESIDENT

It-Tabib Ġ. Galea, President tal-"Għaqda" u Direttur ta' "IL-MALTI", fl-okkażjoni tad-dekorazzjoni ta' l-M.B.E., li biha r-Re għogbu jżejnu, stieden lill-Membri tal-"Għaqda" u s-sinjura tagħhom id-dar tiegħu fil-11 ta' Jannar fil-għaxija, fejn għamlilhom trattament bħala sinjal ta' għożża għall-ferħ li dawna wrew għall-ġieħ li lilu ngħata mir-Re.

It-trattament, li fih il-Membri flimkien mal-President għaddew waħda mill-iktar sigħat hienja ta' fil-għaxija, għalaq bi brindisi mill-President bis-saħħa tal-"Għaqda" u ieħor mill-Membri tal-'Għaqda' bis-saħħa tal-President u tas-Sinjura tiegħu.

# Pranzu f'ġieħ il-President tal-Għaqda fl-"Hotel Phoenicia"

IL-WASLA lura tal-President tal-Għaqda lejn Malta mill-Ingilterra u minn Skozja fejn huwa mas-sena ilu kien mar jagħmel kors prattiku u teoriku fil-Mediċina Legali li tagħha inħatar Lettur fl-Università ta' Malta offriet l-isbaħ opportunità lill-Membri tal-Għaqda biex din turi l-ferħ u qima tagħha lejh għal din in-nomina, u għalhekk nhar il-Ħadd, il-10 ta' Ottubru, ingħata pranzu fl-"Hotel Phoenicia", fejn it-Tabib Ġ. Galea, President tal-Għaqda, flimkien mas-Sinjura tiegħu, ġie mistieden u milqugħ minn bosta membri. Kif kienet qed tithejja din l-istedina, kellna l-aħbar sabiħa wkoll illi l-President tagħna kien laħaq Tabib Anzjan Sanitarju u din żiedet biex f'din il-laqgħa ta' risq il-membri jkollhom l-okkażjoni li jifirħu bih iżjed bil-qalb u għal iżjed minn raġuni waħda.

F'din l-istedina nistgħu ngħidu li kien hemm għadd sabiħ ta' membri, li xi wħud minnhom kienu wkoll imseħbin mas-sinjura tagħhom. Xi wħud bagħtu jgħidu li mħabba xi ċirkustanzi jisgħobbihom ma setgħux jieħdu sehem, fost dawn is-Sur Ugo Muscat Azzopardi u ħuh is-Sur Ġino, il-Fondaturi tal-"Premju Muscat Azzopardi", li ġurnata qabel kellhom isiefru.

Qabel ma nbeda l-pranzu, il-President mas-Sinjura tiegħu flimkien mal-mistednin kollha qagħdu għar-ritratt f'waħda mill-btieħi tal-lukanda. Ir-ritratt tal-grupp deher fit-"Times of Malta" ta' l-14 ta' Ottubru, 1948, flimkien ma' relazzjoni tal-korrispondent ta' dak il-ġurnal. Jisgħobbina illi billi l-*cliché* iddewweb ma stajniex inġibuh f'din ir-rivista. Għal min jixtieq ikollu kopja tar-ritratt tal-grupp u jżommu bħala tifkira jista' jordna wieħed mit-"Times of Malta".

Il-mejda kienet armata fis-sala l-kbira tal-pranzu tal-lukanda u kien fiha dehra li tgħaxxqek, bit-Tabib u s-Sinjura Galea f'nofs il-mejda u fejnhom il-membri prominenti tal-Għaqda, fosthom ukoll xi Presidenti onorarji: il-Prof. Saydon, il-Mons. Psaila u l-Prof. Aquilina, President tal-Għaqda (Università) tal-Malti.

Qabel ma nfetaħ il-pranzu, il-Kan. Gio-Maria Farrugia, wieħed mill-eqdem membri tal-Għaqda u li qatt ma naqas li jieħu sehem f'laqgħat hekk sbieħ tal-Għaqda, qara bħala "tberik tal-Mejda" parafrasi magħmula versi tal-"Benedic, Domine nos, et haec tua dona, etc." li ġibna band'oħra għaliha f'din il-ħarġa ta' "Il-Malti".

Waqt il-pranzu li fih il-membri wrew ruħhom ferħana b'xulxin għax kellhom okkażjoni hekk sabiħa li jiltaqgħu flimkien, is-Sur A. Cremona qam jippropponi li jixorbu bis-saħħa tar-Re, u wara ftit għamel diskors li fih, wara li fisser l-iskop ta' dik il-laqgħa ta' ferħ u ġieħ għall-President tal-Għaqda, tkellem fuq il-meriti professjonali tiegħu; fisser l-għaliex il-Għaqda għandha tgħożż il-ġieħ tal-kariki ġodda li fihom laħaq il-President tagħha, u wera kif it-Tabib Galea huwa wieħed mill-eżempji rari bħala studjuż tax-xjenza professjonali u tal-letteratura. "Fl-istorja letterarja tal-Lsien Malti", huwa qal, "it-Tabib Galea huwa eżempju rari. Fi żminijiet imbiegħda ma tiġix quddiem għajnejna ħlief il-figura tat-tabib Bonamico u ta' Dr. Stiefnu Zerafa, il-wieħed imsemmi għal xi vrejjes Maltin li għandhom xi valur letterarju, u l-ieħor għall-fasla ta' alfabet fonetiku Malti għas-*Società Medica* ta' żmienu, u għal xi kontribuzzjonijiet ċkejkna bil-Malti; iżjed lil hawn, għandna l-Professur Temi Zammit, imsemmi għall-ħlewwa ta' stil frażjoloġiku fl-istejjer tiegħu; il-mejjet, iżda qatt minsi żagħżugħ, Ġużè Bonnici, li ħallielna ġabra ta' proża romanzeska mill-aħjar u kien ikun wieħed mill-kolonni kbar fil-bini tal-letteratura moderna Maltija li kieku l-mewt ma ħatfitux hekk ħesrem minn fostna; ma' dawn il-lum nistgħu ngħoddu wkoll żewġ tobba oħra li l-lum qegħdin fostna jifirħu wkoll magħna bil-President tagħna, u li flimkien miegħu jiffurmaw it-trepied simboliku ta' din ir-rarità letterarja fit-tobba Maltin, li ma ssibhiex dlonk f'tobba ta' nazzjonijiet oħra, u dawn huma t-tabib Rużar Briffa, li barra mill-meritu tiegħu bħala Poeta Malti oriġinali, għandu wkoll il-mertu l-ieħor, li jibqa' fl-istorja, li kien il-Fundatur tal-Għaqda tal-Malti fl-Università, u t-Tabib l-ieħor, it-Tabib Manwel Agius, li għalkemm m'ilux li ngħaqad ma' sħabu fil-ħidma letterarja Maltija, jidher li għad ikun wieħed mill-aħjar kittieba ta' poeżija sintetika u oriġinali. Wara kollox it-Tabib Galea ma jagħmilx għajb la lil ta' qablu u lanqas lil ta' żmienu; biżżejjed ingħidu li barra mill-ġabra

kbira ta' novelli, huwa l-lum l-awtur ta' tliet rumanzi, biex ingħid hekk, klassiċi, u ta' rakkont sabiħ għat-tfal.'' Is-Sur Cremona issokta jitkellem fuq it-Tabib Galea bħala President tal-Għaqda, it-tielet President mindu din inħolqot, u fisser kif hu, bħal sħabu ta' qabel, għaraf imexxi lill-Għaqda b'dak id-dehen u b'dak il-għaqal li, fil-waqtiet l-iktar imwiegħra, kellu l-ħila jeħlisha minn kull għawġ, sew politiku kemm amministrativ, iħabbibha mal-Gvernijiet ta' kull lewn u jkabbrilha l-popolarità u l-ġieh tagħha. Is-Sur Cremona ssokta jgħid li għalkemm il-lum it-Tabib Galea jinsab imgħobbi bit-toqol tax-xogħol u responsabbiltajiet tal-kariki ġodda tiegħu, huwa jittama li jibqa' marbut mal-Għaqda, sew fil-ħsieb kemm fil-ħidma, għaliex tkun waħda mill-ikbar disgrazzi għall-Għaqda kieku għada jew pitgħada t-Tabib Galea jkollu jinfatam minnha.

Is-Sur Cremona għalaq id-diskors tiegħu billi b'isem l-Għaqda feraħ lis-Sinjura tal-President li flimkien mas-Sinjur tagħha waslet lura fostna, hija li dejjem ħadet sehem kbir miegħu f'laqgħat sbieħ bħal dawn tal-Għaqda. Fl-aħħarnett stieden lil kull min kien madwar dik il-mejda biex jixorbu bis-saħħa tal-President u tas-Sinjura tiegħu u jixtiqulhom ħajja twila.

It-Tabib Galea qam iwieġeb għal dan id-diskors u, fil-waqt li fisser il-għaxqa u radd il-ħajr tiegħu u tas-sinjura tiegħu għal din il-laqgħa fejn kellu l-opportunità jarġa' jiltaqa' mal-membri tal-Għaqda li dejjem kienet fi ħsiebu, semma kemm ħass ruħu mimli bih innifsu bħala Malti meta barra minn Malta kellu l-okkażjoni li jitkellem ma' nies ta' mentalità għolja li interessaw ruħhom fil-Malti bħala lsien qadim ta' studju u bħala lsien li l-lum għandu l-importanza tiegħu politika u amministrativa. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa twettaq fil-fehma li l-Għaqda għandha tibqa' taħdem biex il-lsien Malti jibqa' jgħix u jżomm il-ġieh tiegħu, hija li fl-isvilupp tiegħu kellha l-akbar sehem bħala l-bennejja tas-sistema tal-kitba tagħha tal-lum.

Wara dawn il-kelmiet tal-President, tħaddet is-Sur Chetcuti, bħala wieħed mill-membri prominenti tal-Għaqda, u ex-Segretarju tal-Għaqda, fejn fisser kemm it-Tabib Galea kien ta' għajnuna morali lill-moviment tal-Malti u lilu, fil-waqt li kien Segretarju u bħala ħabib personali tiegħu; il-kwalitajiet karatteristiċi tat-Tabib Galea, li bihom huwa għaraf jaħdem b'kuraġġ, b'dehen u sabar liema bħalhom sabiex iwettaq l-iskopijiet tiegħu

għall-ġid tal-Għaqda u tal-Malti, bħala President wara l-ewwel tnejn, li kienu l-mejjet Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Karm Psaila—ukoll meta lill-Għaqda messet ix-xorti ħażina li taħdem taħt ċirkustanzi koroh ta' gwerra mill-għadu tal-Gżira u mill-għedewwa ta' Lsienna. Is-Sur Chetcuti għalaq id-diskors tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Ħbieb, lill-ħabib tagħna, it-Tabib Galea, nifirħulu għas-suċċessi kbar li rnexxielu jikseb bla ebda influwenzi u imbuttar minn wara, u nixtiqulu ħajja twila u ħedma akbar filqasam imwiegħer, imma tassew sabiħ, tal-proża Maltija."

Fl-aħħarnett tkellem is-Sur Erin Serracino Inglott, magħruf bħala kittieb ta' proża u poeżija drammatika u lirika, fejn wara li huwa xxierek ma' sħabu tal-Għaqda fil-ħsieb u ferħ li fissru b'ġieh it-Tabib Galea, tkellem fuq il-merti tiegħu bħala President u kittieb ta' romanzi bil-Malti, u fisser ix-xewqa tiegħu, kif ukoll tal-qarrejja tal-Malti, li għad 'il quddiem naraw miktub mill-pinna tiegħu xi rumanz modern b'fond taż-żminijiet tagħna, li, kif jidhirlu, għad tkun waħda mill-opri li biha ismu jżid fil-fama ta' rumanzier Malti.

Ma għandniex għalfejn ingħidu li fost il-kumpannija ta' nies fuq il-mejda kien hemm membri tal-Għaqda, li bħala nies ukoll magħrufa fil-kamp tal-letteratura Maltija, dawn id-diskorsi apprezzawhom mhux ftit.

F'għeluq il-pranzu, fost dik il-laqgħa ta' membri u ħbieb, wasal bħala ħaġa li qajla sata' jistennieha ħadd, rigal mibgħut minn għand is-Sinjurina Mary Meylak, il-poetessa Għawdxija, billi ma setgħetx tiġi Malta minn Għawdex għal dak il-pranzu bħala waħda mill-membri tal-Għaqda. Dan ir-rigal, daqsxejn ta' dgħajsa ċkejkna ta' Għawdex mimlija, kif kienet tidher, bi ġbejniet ta' Għawdex. Il-għaġeb tal-membri sħabha u mistednin kien meta qasmuhom u sabu li kienu mimlijin bil-konfetturi ta' ħelu u lewż.

Il-pranzu għalaq b'konversazzjoni l-iktar hienja u familjari fost il-membri u mistednin li, wara li qamu minn fuq il-mejda, ma kellhomx il-ħajra jħallu lil xulxin għalkemm kien sar il-ħin li wieħed jitlaq biex imur ikompli n-nofs ta' nhar mal-familja jew ma' ħbiebu.

# IT-TBERIK TAL-MEJDA TA' L-IKEL FIL-PRANZU F'ĠIEH IL-PRESIDENT TAL-GĦAQDA FL-"HOTEL PHOENICIA"

*Tal*-Kan. Ġ. M. Farrugia

*Benedic, Domine nos, et haec tua dona quae de tua largit sumus sumpturi. Per Xtum Dnum nostrum. Amen.*

Xerred fuqna, Mulej, il-Barka Tiegħek,
U għal dejjem marbuta żommna miegħek.
Biex dan l-ikel li tajtna u dan l-inbid,
Magħqudin iżommna b'ta' mħabba rbit.

U b'hekk dix-Xirka, li hi tassew Maltija,
Qatigħ toktor, tixtered u tkun mibnija
Mhux fe f'fanatiżmu, 'ma fi rbit u mħabba
Ta' dik jew dak li f'ħoġor Malta trabba.

Għalhekk bierek f'dal-jum, lill-President
Għax jistħoqqlu; u kemm il-kumplament,
Li ma' dwaru bħal ħannieqa mdawrin,
X'ħin jifirħulu, jixtiqulu wkoll snin

Ta' risq, ta' saħħa u mogħdija 'l quddiem
Fl-unuri, fil-qima u ġid bla tmiem.
Mela, bierek, Mulej, dan l-ikel tagħna
Biex b'aptit (bil-qies) kull wieħed jistagħna.
U noħorġu minn hawn ilkoll xebgħana!!

# OMM HELWA TAL-BNEDMIN

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Li kellna l-ġwienaħ ħfief bħall-anġli mbierka
biex niġu ħdejk, Marija,
konna ninsġulek l-isbaħ ward tal-ġonna
kull għodu u kull fl-għaxija,
u ħdejk ninġabru bħal ulied ferħana
bit-talb u bit-tifħir u l-qima tagħna!

Inti l-omm ħelwa tal-bnedmin, li bħalna
twelidt u għext dil-ħajja;
Int ġibt fin-nisel tagħna 'l-Iben t'Alla —
Misteru fost il-ġrajja —.
Int waħdek Omm u Xebba, o Marija,
imżejna b'dawl is-Sema u bis-sbuħija.

Għax Dak li għażlek b'Ommu għamlek kbira
minn qabel ma twelidt;
Hu ħarsek minn kull ħtija: u Int il-bjuda
fuq il-bnedmin xerridt
minn ruħek safja, sbejħa, u b'qalb ħanina
fit-triq tas-safa lilna wkoll tmexxina.

Ibqa' ħarisna mill-egħdewwa tagħna,
mill-faqgħa, mill-ħtijiet;
għallimna nixbhu lilek, nagħarfu s-Sewwa
mill-qerq u d-dlamijiet
li jduru dejjem magħna u jibqgħu ħdejna
juruna l-ħolm sabiħ quddiem għajnejna.

Nixtiequ li nħobbuk kif Int jixraqlek,
Omm ħelwa tal-bnedmin!
Ibdlilna dawn il-qlub ħa nħobbu lilek
bi qlub oħrajn safjin.
Iġbidna lejk biex aħna ma nħallukx:
x'jiswa li ntuk il-ward jekk ma nħobbukx!

1. XI. 1948.

# ĠESU' U L-MADLIENA

*Ta'* Erin Serracino Inglott

Jum wieħed Ġesù kien mistieden
qed jiekol għand Xmun Fariżew;
u daħlet Marija l-Madliena
biex tara ssibx Lilu hemm ġew.

Lemħitu, bdiet tibki u fuq rasu
sawbitlu ftit fwieħa minn kus;
riġlejh mesħithomlu b'xagħarha
u fihom bdiet tmelles u tbus.

U Xmun beda jgemgem: Li kieku
tassew kien profeta Ġesù,
ma kienx iħalliha tmiss miegħu
midinba bħal dik!... U Ġesù:

Ximun, din midinba, u int safi.
Liema qima 'l-mistieden urejt?
La maħsel għal riġlu ma tajtu,
la fwieħa fuq rasu u la żejt!

Haddejn il-mistieden kif daħal
ġo darek int anqas ma bist;
Li għandek kien ġie Bin il-Bniedem
iżurek int anqas ma qist!

Dil-mara kif ratni bdiet tibki,
ħaslitli riġlejja bid-dmugħ,
mesħithom bi dlielha, u dehnitni
b'żejt żahri mill-iżjed ifuħ!

Ismagħni, Ximun, u ifhimni.
Ingħid: Tabilħaqq, tabilħaqq,
min jagħti minn faqru lil sieħbu
wisq iżjed mill-għani jkun stħaqq!

Lil din illi nidmet u ħabbet
u qassmet faqarha miġbur,
ngħidilha: Jinħafru dnubietek,
ja mara tal-qalb, qum u mur!

# CASSOLA BHALA AWTUR DRAMMATIKU

*LIL Bertu Cassola jien dejjem qistu fost l-ewlenin awturi drammatiċi Maltin għall-oriġinalità u għan-naturalezza tiegħu: hu għandu sengħa speċjali li biha jagħti sura u xejra lix-xogħlijiet teatrali tiegħu u li minħabba f'hekk ingħażlu minn dawk ta' awturi oħrajn; b'dan ma rridx infisser biss l-istil ta' Cassola, għax kull awtur għandu l-istil tiegħu għalih, iżda dan l-awtur żagħżugħ għandu xeħta tiegħu waħdu, xeħta li tnissel ħajja u ħrara fis-suġġett u fl-azzjoni tal-produzzjonijiet tiegħu.*

*Cassola għandu pinna ħarkiena u moħħ fertili, u hu jaf inqeda b'dawn iż-żewġ għotjiet ħalli jsawwar xogħlijiet skond ma titlob is-sengħa drammatika moderna. Il-lum spiċċa dak iż-żmien meta awtur drammatiku kien jagħmel isem billi jagħti libsa ġdida lil persunaġġi qodma; il-palk modern irid biss oriġinalità u sempliċità u ma jikkuntentax bi tqanżiħ, sentimentaliżmu u frugħa. Fl-aħħar kwart ta' dan is-seklu saret tibdila ġdida fl-arti drammatika. Wara l-konkorrenza qawwija tal-*films *u tat-*talkies, *kien jinħtieġ li l-palk jitnaddaf sewwa mill-għanqbut tal-konvenzjonaliżmu u mill-għabra tal-konswetudini u, biex jitwettaq dan, kellha ssir tferfira ta' ħeġġa u tqanqila ta' ħrara, imseħbin ma' ħila u ma' rieda fost il-kittieba; hekk issawret għamla ġdida u oriġinali ta' xogħlijiet drammatiċi li setgħu jiġbdu b'qawwa lil dawk li jħobbu jmorru t-teatru. Dan sar l-aktar bis-saħħa ta' oriġinalità u sempliċità, u l-lum produzzjonijiet neqsin minn dawn iż-żewġ ħtiġijiet, ma għandhom l-ebda effett fuq l-udjenzi u ma jiksbu l-ebda ġieħ lill-awtur.*

*Bħalma għidna, l-opri ta' Cassola jolqtu lil min jaqrahom fi ktieb u lil min jarahom fuq il-palk, għax huma oriġinali, iżda l-awtur hu mħarreġ tajjeb ukoll bħala attur u għalhekk hu jsensel it-teknika ma' l-arti biex isawwar kompożizzjoni mexxejja, sabiħa u interessanti.*

*F'din il-biċċa xogħol li sa jaqra, il-qarrej iħoss bħal ħarira satirika li ddomm il-ġrajja kollha mill-bidu sat-tmiem, imma l-awtur ma jorbotx fuq l-effett satiriku biss biex jogħġob lill-qarrej, imma jinqeda wkoll bil-parodija, jinbex b'xi daqsxejn ta' umoriżmu u fuq kollox ilaqqa' sitwazzjonijiet li jiġru kuljum u jikteb kliem li jgħidu kulħadd, biex jagħti bixra ta' attwalità; b'hekk, għalkemm ix-xena tiġri f'post ideali li ħadd ma rah, (u nittamaw*

*li ħadd minna ma għad jaraħ!), iċ-ċirkostanzi tal-ġrajja huma maqlugħin u mfissra bi kliem u b'għemil mgħżula mill-ħajja ta' kuljum u għalhekk ma jistgħux ma jinteressawx lil kulħadd. Minn hekk titnissel il-popolarità ta' l-opri teatrali u għalhekk il-produzzjonijiet ta' Cassola huma, bil-ħaqq kollu, wisq popolari.*

*ĠUŻE' GALEA.*

---

# Pape Satan Aleppe ...

*Kummiedja f'Att Wieħed ta'* ALBERT M. CASSOLA

**PERSUNAĠĠI**

**DEMONJU**
**LUĊIFRU**
**ĠUDA KAROTA**
**SANTINU**
**XITANA.**

*L-INFERN*

DEMONJU : (*ikebbes in-nar*) Baqgħalna faħam għal-lejla, mgħallem?

LUĊIFRU : Imissu le! Daħħalha f'moħħok darba għal dejjem li l-faħam hawn ġew ma jispiċċalna qatt. Min jiġi hawn jibqa' jinħaraq għall-eternità.

DEMONJU : Imma jien għoddni xxawwatt!...

LUĊIFRU : M'intix waħdek. Jien ili iżjed minnek hawn; jien l-iktar wieħed li ili.

DEMONJU : X'mument misħut kien li tefgħuni fl-abissi! Tbatija u xogħol iebes biss.

LUĊIFRU : Anzi m'intix taħdem biżżejjed. Qiegħed titnikker. Ara rasek jekk ma tirbaħx erwieħ iżjed! Qiegħed titgħażżen wisq. Ma kontx hekk, int. Ibża' mill-qilla tiegħi!

DEMONJU : (*imbikkem*) Aħfirli, Satana. Jiena nagħmel mill-aħjar li nista' biex inġib lil ħaddieħor miegħi. Speċjalment lill-ħbieb! La darba tliftha jien, nixtieq nara lil kulħadd jitlifha bħali l-ġenna!

LUĊIFRU : Barra minn hawn! La ssemmihx dak il-post! Inti

ma kontx fih u ma tistax tgħid xi jkun; jien naf għax tliftu! Jiena kont fih u naf xi ġmiel u hena tinsab fih. Huwa meta tkun rajt il-ġenna li tħoss l-iżjed l-infern. Imma ħallina minn dan: min jidħol hawn iħalli warajh kull tama!

DEMONJU: Allura jien, naħdem u ma naħdimx kollu għalxejn?

LUĊIFRU: Ittawwalx ilsienek mal-kap tiegħek! Inti tafu tajjeb dan. Hawnhekk fejn ħsibtu? Hsibtux jewwilla l-purgatorju? Jonkella l-limbu? Hawnhekk inti tibqa' dejjem u jkollok taħdem daqs kelb: dik hi s-sentenza tiegħek u ħadd li ħadd ma jħassarhielek!

DEMONJU: (*idaħħal denbu bejn saqajh*) Paċenzja!......

LUĊIFRU: Ftakar kemm kont raġel ħażin: kemm kont minfuħ bik innifsek u kemm kont invidjuż. Tiftakar?

DEMONJU: Ma nsejtx, Satana. Ma nafx kontx iżjed supperv milli invidjuż.

LUĊIFRU: Hemm bżonn li taħdem iżjed, li tħabrek ħafna. Irrenju tiegħi rrid inkabbru dejjem! Jien hawn sultan u imperatur! In-numru tas-sudditi tiegħi għad irid jikber daqs is-suppervja tiegħek...

DEMONJU: Jew tiegħek......

LUĊIFRU: Ražżan ilsienek mal-prinċep ta' l-infern. Tirrispondix! Ftakar li jien sultan u imperatur bir-rieda tal-maġġuranza tal-popli tad-dinja!

DEMONJU: Għedt waħda u tajba. Għandek raġun.

LUĊIFRU: Jien kont hemm fuq fejn inti semmejt l-ewwel, 'il fuq mill-purgatorju... Imma jien ma ridtx inkun sudditu; ridt insir kap!

DEMONJU: Mela bħali...

LUĊIFRU: Bħalek l-istess u iktar minnek: għalhekk il-lum it-tnejn ninsabu hawn.

DEMONJU: Imma għallanqas int kont xi darba l-ġenna...

LUĊIFRU: La ssemmihiex, għedtlek! Barra minn hawn...

DIMONJU: Barra minn hawn għax l-għeneb qares. Il-lum tgħid hekk.

LUĊIFRU: Mhix affarik, ex-bniedem supperv u sudditu umli tiegħi!

DEMONJU: Insomma... int kont f'dak il-post li ma tridnix in-semmilek, qabel ma nżilt l-infern. Imma jiena

ġejt hawnhekk direttament mid-dinja; jiġifieri minn infern għal ieħor...

LUĊIFRU : Biżżejjed bil-kliem fieragħ! Ara x'sar minn Santinu.

DEMONJU : Halli nċemplilhom. (*Jaqbad it-telefon li malli jħaddmu jibda jtajjar in-nar*) Operator, agħmilni marreġjoni tal-Malizzjużi. (*Wara ftit*) Qabbadtni? Tajjeb. (*Wara ftit ieħor*) Qegħdin nistennew lil ċertu Santinu: tafu xejn daħalx? Kif? Għadu ma wasalx? Dak naf. Sewwa wisq. Issa ngħid lill-Kbir. Saħħa.

LUĊIFRU : X'qalulek?

DEMONJU : Xejn ġdid. L-ebda aħbar. Jafu biss li Ċensa għaddiet għal Santinu, kif għedtlek jien, dalgħodu filħamsa...

LUĊIFRU : Antika Ruma! U issa x'ħin sar?

DEMONJU : (*iħares lejn l-arloġġ*) Għoddhom il-ħdax.

LUĊIFRU : Sitt sigħat u għadu ma wasalx. Għaliex iddawwar daqshekk?

DEMONJU : Min jista' jifhem? Forsi mħabba t-temp?... Iltaqa' ma' xi tempesta?...

LUĊIFRU : It-temp x'għandu x'jaqsam? X'jidħol it-temp? Ma tafx li jiena għandi setgħa fuq it-temp ukoll? Bnazzi jew le, imissu wasal fis-sitta jekk miet fil-ħamsa.

DEMONJU : Dak il-ħin ħalla d-dinja.

LUĊIFRU : Jekk titlaq mill-iżjed rokna bogħod mill-infern ma tridx erba' sigħat biex tasal hawnhekk. Aħseb u ara minn tas-Sliema ta' Malta! Malta qrib ħafna ta' l-infern u tas-Sliema l-eqreb biċċa.

DEMONJU : Mela ara ssib li tilef it-triq!

LUĊIFRU : (*li ma jkunx sama' l-aħħar kliem ta' DEMONJU*) X'jagħtik taħseb li għad ma wasalx: minħabba fix?

DEMONJU : Min jaf xi nqala'? Kieku daħal imqar il-bieb prinċiċipali kienu jgħarfuna. Iċ-ċentrali tat-telefon qiegħda fit-tieni reġjoni ta' l-infern, qabel is-seba' ċirku, u hemm għandhom *extensions* ma' kullimkien. Ikunu jafu b'kollox hemm, jirrapportawlhom.

LUĊIFRU : Hekk hu tabilħaqq. Imma ftakar li t-tieni reġjoni infernali hija post il-malizzjużi. U bħal dawk mhux

ta' min jafdahom ...

DEMONJU : La taf hekk, Satana, għaliex fdajthielhom f'idejhom?

LUĊIFRU : Inkella lil min taqbad twikkiha? Lill-viljakki, littradituri, lill-giddibin?...

DEMONJU : Hawn ġew ma tista' tafda f'ħadd.

LUĊIFRU : U lanqas fik!

DEMONJU : Ma tista' tafda f'ħadd : qisna fid-dinja.

LUĊIFRU : Fil-ħamsa ta' fil-għodu ġejt tajtni l-bxara li wara lejl tug-of-war ma' l-anġlu tiegħu, spiċċajt biex irbaħt int; u għedtli li sas-sitta sa jkollna magħna lil ħabibek Santinu. Saru l-ħdax u għad ma ġie ħadd!

DEMONJU : Tridx nerġa nċempel? Forsi issa wasal u qegħdin ilibbsuh......

LUĊIFRU : Minn l-ewwel 'l hawn? Kieku ma jgħidulniex?

DEMONJU : Forsi jkunu nsew......

LUĊIFRU : (*li jitilgħulu*) Hekk imisshom ukoll, ħalli nqegħidhom f'posthom jien! Dan x'servizz hu li għandi. Jien m'iniex moqdi hawn! Hadd ma jrid jobdi iżjed! Is-sudditi tiegħi mhumiex lijali! Insejħilhom hawn! Ilkoll! Ix-xjaten kollha! Seduta ġenerali! Nurihom min jiena! Nurihom saħħti! Infakkarhom fis-setgħa tiegħi! Nurihom jien—Luċifru—xi nsarraf! Nikkastigahom iżjed! Ilkoll kemm huma, ilkoll kemm intom!...

DEMONJU : Le, stenna jaħasra! Ma kinitx kelma li għedtlek! Agħtina *chance*! Ha narġa' nċempel... (*F'dan il-waqt iċempel it-telefon*) Rajtx? Żgur wasal! Halli nirrispondi t-telefon.

LUĊIFRU : Le. Ieqaf hemm. Inwieġeb jien. (*Imur jaqbad ir-'receiver'*) Luċifru speaking. X'ġara? (*Wara ħafna*) Tajjeb wisq : ibagħtuh dritt. Qiegħed nistenna. U darb'oħra għiduli qabel. Kif? Min daħal fuq il-linja tagħna? Aqtgħu, operator. Jistenna jekk inhu mgħaġġel. L-ewwel jien hawn ġew! Jiena qabel kulħadd. Jiena qabel xejn... Għedtlek hawnhekk l-ewwel jien, imbagħad jien, dejjem jien! Fhimtni? Ibgħat lil Santinu malajr. (*Jaqta'*).

DEMONJU : Ġej, ja kelb!
LUĊIFRU : Mela mhux tassew kien ħabib tiegħek? Għaliex sejjaħtlu kelb?
DEMONJU : U ınt ma tafx, Satana?' Habib għaliex kont nafu. Konna noqogħdu bieb ma' bieb tas-Sliema. Imma d-deni li għamilli Santinu jrid ipattih. Huwa ittradieni... X'ħin wasal, Satana?
LUĊIFRU : Hames minuti ilu. U jdumu ma javżawni daqshekk! Għarukaża fix wasalna: ukoll l-infern tħassar! Imma narawha : ħalli f'idejja!
DEMONJU : Huma neżżgħuh?...
LUĊIFRU : Neżżgħuh u libbsuh; imma baqgħalhom iwaħħlulu denbu. (*Tinstama' taħbita fuq il-bieb*).
DEMONJU : Hawn hu, wasal.
LU IFRU : Mur għidlu jgħaddi.
DEMONJU : (*Jagħmel hekk : min ġewwa*) Idħol ħalli ssib sehmek, ja kelb!
ĠUDA KAROTA : Kelb int u min igħid li m'intix! Min jafek lilek?
LUĊIFRU : Sikket ilsienek! Hawn qiegħed quddiem Luċifru!
DEMONJU : Imma dan mhux Santinu!
LUĊIFRU : Mela min hu?
DEMONJU : Int x'jismek, int?
ĠUDA KAROTA : Jisimni Ġuda, kunjomi Karota.
LUĊIFRU : Isem komuni hawn ġew. Int mhux Santinu?...
ĠUDA KAROTA : Jien Ġuda Karota u ma nafx għalfejn ġibuni hawn u libbsuni hekk...
DEMONJU : Ara sa jaqagħlek denbek! Hawn hawn xi żball, Satana : dan mhux Santinu.
LUĊIFRU : Arali sew min hu; fittex fir-reġistru.
DEMONJU : (*Iqalleb fil-files*) Karonja, Karonti, Karota... Karota Ċikku, Karota Ġenja, Karota Ġuda. Ġuda Karota għedt li jismek, hux hekk? Dan hu. Ġuda Karota, ta' sebgħa u sebgħin sena, imwieled il-Għarb, Għawdex. Miet nhar is-Sibt, fit-tlieta u għoxrin minuta...
ĠUDA KAROTA : Fit-tlieta u tlieta u għoxrin, jekk jogħġbok.
DEMONJU : ... wara taqliba indiġestjoni...
LUĊIFRU : Aqbeż. Ejja għall-akkuża.

(*Jissokta*)

# U Hekk għal Dejjem

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

*Lil ħabibi t-Tabib Ġużè Galea*

I

Bħal min waqaf f'nofs triq, jilheġ bil-għeja,
Ser jaqa' w ma jaqax taħt it-tagħbija
Tax-xogħol li kiddu w ta' l-uġigħ li ħaqru,
Għajnejh imberrqa jħares fuq ix-xefaq
Fejn hemm ħarira dawl ta' sliem u faraġ,
Iħares u jixtieq irabbi l-ġwienaħ
Ħa jtir 'il fuq 'il fuq, u qalbu tilħaq
Dik il-ħolma ta' seħer u ta' kobor,
Dak id-dawl ċkejken imma kbir u hieni
Għal min qiegħed ibati, għal min ħajtu
Għaddieha f'baħar mimli għawġ u niket,

Hekk nara l-bniedem. Waqaf, waqt li dwaru
Jgħaddu maħruba xmajjar kbar ta' dmija,
Ikarkru magħhom bċejjeċ t'iġsma mqattgħa;
Minn fuq l-ilmiet imqallba
Ġej it-twerżiq, l-agħjat, it-talb tal-ħniena,
Biki ta' telf, ta' wġigħ, mibegħda w saħta,
Biki ta' min qiegħed imut u jitlob
B'qalbu f'idejh, imħabba, mħabba, mħabba.
Waqaf: fuq rasu jċaqċaq bla ma jehda
Diwi li jġennen ta' tifqigħ,
L-art taħt saqajh titheżheż u tinfetaħ,
U djar u monumenti jsiru ħerba.

'Il fuq, is-sħab iswed tal-mewt qed jhedded
Tempesti akbar ta' nirien u qerda.

Waqaf, minn qalb mibgħuda jobżoq
Id-demm tal-qilla,
Igħolli mgħaddab idejh u l-ponn igħaqqad
Bħal min jisħet xortih,
Jigdem xufftejh bir-rabja w xagħru jqatta'
Mitluf f'saħna ta' moħħ li marad
Taħt id-daqqiet bla heda
Li tatu l-Ħajja.
Aħjar bhima li tgħix fl-imsaġar sfiqa
Fejn mhemmx dal-mewġ ta' ġlied, ta' qtil u għira;
Aħjar l-isqra li jsaltnu w jaħkmu
Il-wesgħat kbar bla tarf ta' ajru mħeġġeġ
Bil-logħob, iż-żfin u l-ħedma bieżla
Ta' tjur bil-qtajja';

Aħjar is-sriep li, xħin jitkaxkru, jieklu
It-trab ta' l-art,
Minn din il-ħliqa, hekk imsejħa "bniedem",
Li tgħix ħajja ta' mewt,
Li tirbaħ biex titlef,
Li titlef biex tqatta' l-aħjar ta' żmienha
Taħt il-madmad tal-jasar,
Bis-sinsla ta' daharha mitnija
W imniżżla taħt l-itqal salib.
Tixxennaq. Tittama. U tfittex
Għalxejn is-Sabiħ.
Mħijiex ħlief saltna ta' miżerja w faqar
Din il-ħajja li writna,
Dix-xorti li missitna
Li twelidna bnedmin!

Imma, fil-bogħod hemm id-Dawl. Ftakar, ja bniedem,
Ftakar fil-wegħda kbira
Ta' Dak li qal
"Min jimxi Wrajja ma jimxix fid-dlam".

## II

Għax għal min għandu moħħ li jara,
Moħħ li jaqsam id-dlam
U jagħraf jaqra dak li hemm imniżżel
Fil-ktieb tal-Ħajja,
Għandu jsib sa mill-ibgħad żmenijiet
Fost it-taqlib ta' dinja
Li ddur u titbiddel kull ħin,
Fost il-ħeġġa wil-ħrara tal-bniedem,
Fost is-sabiħ u l-ikraħ,
Taqbida mdemma li ż-Żmien qatt ma jtemm:
It-taqbida ta' dejjem,
It-Tajjeb mal-Ħażin.

It-Tajjeb, ħsiebu biss fid-dawl tal-glorja,
Jibni s-sabiħ.
Jifrex minn art għall-oħra
Il-għerf li jżejjen il-ħolqien.
Isawwab it-tjieba
Hemmhekk fejn isaltan il-ħażen.
Isaqqi bl-ilma tal-ħajr
Ix-xtieli mid-dud imgerrma.
Jiżra' kull ferħ u kull ġid
Fil-qlub morda w imħassra
Bis-susa tad-dnub.

U l-Hażin, qawwi għax ħażin,
Mgħammar bil-għodda tal-qerq u tal-ħsara,
Iġarraf it-tempji li nbnew
Bil-ħedma tas-snin.
Iħammeġ bi tbajja' sewda
Is-safa tar-ruħ li għexet fis-sliem.
Jarmi ma' l-art u jirfes l-imħabba,
Iqaċċat il-hena
Ixejjen il-paċi
Inissel il-ġlied
U fejn il-ħarsa jmidd,
Imkebba fl-abjad u fil-ħofra għajnejha,
Jilmaħ il-Mewt,

Il-Mewt

Il-Mewt bilqiegħda fuq il-ħerba
Bl-iġsma ta' kbar u żgħar
Mitluqa, fl-aħħar raqda, ma' riġlejha.

**IL-HAŻIN:**

Għalfejn din il-ħajja
Jekk mhux biex ngħadduha
Fil-frugħa w fil-għors,
Fl-imħabba tal-bluha,
Fl-irbit li jinħall
Ta' qlub illi sikru
Biż-żifna tal-ġenn?
X'nambuha dil-ħajja
Jekk fiha ma hawnx
Hlief triq kolha mġebbla,
Mimlija għollieq,
It-triq tal-kalvarju
Li ddur u li sserrep,
Mistagħdra w imtajna,
Maħmuġa w mudlama,
Bla paċi w bla ħajr.
It-tmiem tagħha jwassal
Sa fejn tara mnaqqxa
B'ittri tal-waħx: Il-Mewt.
U 'l hinn mill-Mewt is-skiet
U n-nisi ta' dejjem.

Aħna l-bnedmin mikrija
Biex naħdmu w nitħabtu
Ingawdu fejn nistgħu

Niġġieldu w nissieltu
Nitwieldu fl-uġigħ
Ngħixu mdejqin
Immutu fl-imrar.

**IT-TAJJEB:**

Bin il-qerq u l-ħażen,
Frugħa tal-frugħat
Kollox frugħa dak
Li mhuwiex imlaqqam
Bl-imħabba ta' Kristu.
Frugħa l-ġid li tfittex
F'did-dinja li tgħaddi,
Frugħa tgħix bla ħsieb
Fil-pjaċiri wiż-żina tal-ġisem,
Frugħa l-ħajja tal-lum
Għax tgħaddi maħruba
Mal-fewġa taż-Żmien.
Frugħa t-taqbida
Għas-saltna tal-kobor.

Aħna l-bnedmin mogħnija
Bid-dawl tar-raġuni,
Infittxu fil-qalb ta' qalbna
Dak li ġej minn Alla
Għax hu la jinqered u la jintemm:
Hu li jibqa' għal dejjem
Hu li jibqa' għal dejjem.

## III

Taqliba tabilħaqq tinsab għaddejja
Minn fuq id-dinja. Id-drawwiet, il-ħajja
Ta' sekli sħaħ, il-ħaqq u r-rieda tajba,
Is-sewwa, u t-tagħlim ta' l-eqdem żmenijiet,
Kollox, kollox qed jgħib f'ħolma ta' dħaħen.
Kull mhu qadim jinsab għaddej
Biex qatt ma jerġa' lura. Kull mhu sħiħ
Jinsab, sa mis-sisien, mirfus u mċaqlaq.
Dak li nħadem biż-żmien u bit-tbatija
Imħuħ ġodda qed iwaqqgħuh
U l-kotra, bla ħsieb u bla raj, li tibla'
Il-ħażin bla ttiegħmu,
Tinsab, belha li hi, titkarkar
Bil-ħeffa lura mal-progress tal-lum.

Għax min hu kbir u għaref jaf u jifhem
Iċ-ċokon u x-xejn tiegħu.
L-iblah biss, minfuħ bih innifsu,
Mgħandux xaqq dawl ta' ħjiel ta' l-injoranza
Li tagħsru w tgħaffġu taħt il-qawwa tagħha.
Waqt li l-għaref, għajjien u mħasseb,
Jarmi għaqlu w saħħtu
Bit-tama li jitgħallem imqar ftit versi
Mill-ktieb tal-ħajja,
L-iblah, imkabbar, jistħajjel li laħaq
L-ogħla quċċata tal-għerf,
U minn hemm fuq jidhirlu qed iħares
Lejn il-ġgajtiet ta' taħtu,
Jarahom bħal tikek żgħar
Mitlufa f'baħar ta' tmasħir bejniethom,
U jidħak bihom.

Tassew min kiber ċkien, u min ċkien kiber,
Min tela' fl-għoli baxxa rasu w niżel,
U min kien isfel tefa' ħarstu 'l fuq,
Saħħaħ l-egħruq ta' jdejh u waqqaf sidru,
U tela' jiġri b'ħeffa ta' għażżiela
Fejn xtaq u ried. Fejn ried hu ġieb. Is-Setgħa.

Fl-aħħar, sa fl-aħħar,
Bil-qerq u s-serq ta' moħħ li jaf ikejjel,
Kiseb f'idejh is Setgħa w ħaseb
Li rebaħ id-Dinja.
Ħaseb li laħaq ta' kollox
Is-Sid.
Imma nesa — nesa li d-dinja,
Kbira, felħana w qawwija,
Mhijiex ħlief farka żgħira
Mitlufa fil-wisa'
Tal-biża'
Ta' l-univers —
U fuq dan l-univers hemm Qawwa
Li ddawwal il-moħħ u li tirbaħ il-qalb.

## IV

Int, bniedem li twelidt biex tgħix imxaħxaħ
Fid-dell kiesaħ tal-mewt,
Id-dell li jiġri wrajk bla qatt ma jaqta',
Erfa' ħsiebek 'il fuq,
Tħallihx jintrema fit-tajn u fil-ħama,
Tħallihx jintilef fit-trejqat imwiegħra
Fejn qatt ma jfiġġ id-dawl tas-sewwa.

Int taf li, meta ta' ħajjitna
Iddoqq, bla nistennewha, l-aħħar siegħa,
U l-qalb ma tibqax tħabbat,
Il-kelma tmut fuq fommna,
U l-ħarsa timraħ f'saltna ta' dlam sfiq,
Int taf li hemmhekk naqbdu ħajja oħra
Li tibqa' sejra 'l hinn mill-ħajja tagħna.

**IL-ĦAŻIN:**

Din mhix ħlief ħolma.
Mal-Mewt kollox jintemm.
Titbiel u tmut il-warda
F'ħoġor ix-xitla li rabbietha.
Hekk il-bniedem, fit-tarf tat-triq ta' ħajtu,
Jilmaħ abissi ta' dlamijiet
Li jibilgħuh.
Maħtuf bejn id-dwiefer
Tas-seqer taż-Żmien,
Jitbandal, maqtugħ minn riglejh, bla saħħa,
Fil-baħħ ta' dil-ħajja,
U, mweġġa', għalxejn jitħabat,
Għalxejn jittama li jeħles
Minn dil-morsa ta' qawwa.
Fl-aħħar, imxebba', jitħaddan
Ma' din l-art bħal tifel li jħaddan,
Qabel jorqod, lil ommu.
Dak il-bniedem, bis-snin, isir traba
Mat-trab ta' l-art.
Minnu ma jibqax anqas it-tifkira
Ta' ismu.

Għidli, il-ħajja fejnha,
Il-ħajja wara din il-ħajja?

**IT-TAJJEB:**

Jekk jitmermer il-ġisem, jekk il-kelma
Tmut ma' l-aħħar nifs, jekk il-ħarsa
Tiċċajpar, u troxx id-dalma tal-lejl
Għal dejjem fuq ħsiebna mqalleb,
Ibqa' żgur, ħabib, li fix-xiber art
Fejn jindifen dal-ġisem
Ma tindifinx ir-ruħ.

Bħal żewġt aħwa magħquda
Jimxu l-Ġisem u r-Ruħ flimkien, annuna,
Kif trid u tħoss ir-Ruħ

Irodd u jħoss il-Ġisem.
Jimxu, ħsieb u fehma waħda,
F'dit-triq mimlija slaleb,
Imdawra kollha wħux li jkessħu demmek
Bil-bard tal-biża'.
Jimxu, u ma' kull pass minn waqt għall-ieħor,
Minn jum għal jum, minn sena għal sena,
Iħallu wrajhom
L-Imgħoddi
U jħarsu 'l quddiem għal dak li jkun ġej.

Il-Ġisem u r-Ruħ. Żewġ aħwa li nħabbu.
Jimxu bla jieqfu, sakemm
Hin bla waqt isibu miktub
Mal-ħajt "Sa Hawn".
Idawru ħarsithom imwerwra
U jilmħu t-triq twila li minnha għaddew:
It-triq ta' l-eternità.
U quddiemhom żewġ toroq li jaqbdu
Mat-triq fejn qegħdin:
Qed nara triq minnhom imdawla bir-rebħ,
Imfawra bil-hena ta' ħajja
Li l-medda taż-Żmien ma teqridx.
Qed nara t-triq l-oħra dagħbien ta' infern:
Nirien u krib u wġigħ,
Tislit. Taħwid. Taqlib. Tqattigħ. Swat u tbiċċir.

Jieqaf il-Ġisem hemmhekk fejn it-toroq
Jinferqu. Iżda r-Ruħ
Issellem u tibqa' miexja.
Driegħ li ma jidhirx it-triq juriha
Mnejn għandha tgħaddi:

It-triq ta' l-eternità.

## V

O Dawl li ma tidhirx, żomm tixgħel
Il-fjamma ta' l-imħabba
F'dil-qalb maħqura mill-mibegħda,
Imdawra bil-frugħa tad-dnub,
Imbiċċra mix-xewqat tal-ġmiel li jgħaddi.
Hdimna qatigħ f'dir-roqgħa art
Li Int, Sultan, kont tajtna.
Dawwarnieha bis-swar ta' fehmiet sħaħ,
Waqqafna tempji mibnijin bis-Sewwa,

Żbarna u laqqamna s-siġar
Tal-ġonna,
Imm'issa s-Serp li kien taħt siġra rieqed
U ma qtilniehx, qed jerfa' rasu,
Qed jitkagħweġ bil-ġuħ u bil-għatx,
Jarmi minn ħalq moqżież ragħwa ta' ntejjen.
Is-serp. Is-semm. Is-skiet. Il-ħsara.
It-tempji li bnejna qed jiċċaqilqu,
L-imwieġ tal-baħar tal-mibegħda
Qed jitilgħu
U jibilgħu
Is-swar ta' saħħa fejn waqqafna
Kull tama tagħna ta' mħabbiet u glorja.
L-għadu jinsab wara biebna.
Inkeċċuh.
Neqirduh.
Arawh — Arawh hemmhekk

Is-serp. Il-ħażen. Il-Mewt.

## JEKK LEJN IS-SEMA THARES

### *Ta'* Nemo

Jekk lejn is-sema ikħal nir, sabiħ,
Tħares, skond ħsiebek tara ħwejjeġ fih.

Kont ta' l-anġli, tifel żgħir, kont nara,
U qalbi kienet tixgħel bl-isbaħ xrara;

Żagħżugħ, bandieri jperpru, tnabar, nies
Igħannu u jifirħu mingħajr l-ebda qies;

Raġel, bdejt nara wiċċ, ħelu, daħkani,
B'għajnejn żoroq u xagħar twil u safrani;

Issa jekk inħares kemm inħares fih,
Sema nara battal għalkemm sabiħ.

# KRONAKA TA' "IL-MALTI"

## ID-DIMISSJONI TAS-SEGRETARJU U GĦAŻLA TA' SEGRETARJU ĠDID

Jisgħobbina ngħarrfu illi s-Sur Ġużè Chetcuti li kien Segretarju tal-"Għaqda" ħalla mill-karika ta' Segretarju b'inkejja tiegħu nnifsu għax ra li ma satax jissokta jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Segretarju bla preġudizzju ta' xogħol ieħor u ta' kariki oħra amministrativi. Aħna, jiġifieri, il-Kunsill u l-Membri effettivi, f'laqgħa ġenerali, kellna nilqgħu fuq qalbna din it-talba tiegħu ta' dimissjoni għaliex nafu li minn Ġużè Chetcuti, membru prominenti tal-"Għaqda", li ilu jaħdem bħala Segretarju għal tmien snin sħaħ bl-akbar ħeġġa u leħħa, il-"Għaqda" kienet qiegħda tirbaħ mhux ftit u li issa bid-dimissjoni tiegħu tilfet mhux ftit.

Is-Sur Chetcuti, iżda, meta għarrafnieh li d-dimissjoni tiegħu ġiet milqugħa fil-waqt li raddejnielu l-ħajr tagħna għax-xogħol fejjiedi li għamel kemm dam Segretarju, weġibna li bħala membru u kittieb jissokta jaħdem bl-istess ħeġġa bħal qabel u li hu ma jonqosx li jibqa' jgħin lill-"Għaqda" għar-risq tagħha u tal-Malti.

Flok is-Sur Chetcuti nħatar f'laqgħa ġenerali tat-28 ta' Novembru, is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., bin il-mejjet Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel President tal-"Għaqda". Fil-waqt li nifirħulu nittamaw illi r-rabta hekk storika u għażiża li biha jinsab il-lum marbut mal-"Għaqda" mill-ewwel żminijiet tal-ħajja tagħha bħala Membru Korrispondent f'Lixandra u issa bħala Membru Akkademiku tagħha f'Malta, u kittieb magħruf tal-Malti, ma għandux f'din il-karika ġdida li huwa nħatar għaliha, jagħmel għajb lil demmu — il-lum magħruf biżżejjed fl-istorja tal-Lsien Malti.

## LAQGĦA AKKADEMIKA

Fil-Laqgħa Akkademika li saret mill-"Għaqda", fid-Dar ta' San Ġużepp (*Unione Cattolica S. Giuseppe*), il-Belt, fit-28 ta' Novembru, inqraw dawn il-komposizzjonijiet minn Membri tal-"Għaqda", li tagħhom inġibu isimhom quddiem il-komposizzjoni tagħhom. Minħabba n-nuqqas ta' wisa' dawn il-komposizzjonijiet sa jidhru f'"Il-Malti" ta' Marzu, 1949:—

Dr. A. Buttigieg : *Il-Għanja tat-Taħrik* (poeżija).
M. Agius : *Wara l-Ewwel Xita* (poeżija).
Kapt. J. E. Busuttil : *L-Imbroljun* (Studju psikoloġiku).
Dr. E. Agius : *Riħ Fuq* (poeżija).
Patri G. Meylak, S.J. : *Għar Qawqla* (poeżija).
A. Cremona : *Kelb Xiħ tal-Għassa* (poeżija).

Xtaqna nfakkru lil dawk il-Membri li jitħajru jaqraw xi komposizzjoni tagħhom f'xi Laqgħa Akkademika tal-"Għaqda" illi l-komposizzjoni li jaqraw ma għandhiex tkun diġà dehret jew li għad trid tidher f'xi ġurnal jew rivista oħra, billi bħala regula hija x-xewqa tagħna li komposizzjonijiet li jinqraw f'Laqgħa Akkademika tal-"Għaqda" jidhru f'"Il-Malti" bħala tifkira ta' dik il-laqgħa li tkun saret mill-"Għaqda". Dak li għidna għall-komposizzjonijiet li jinqraw f'Laqgħa Akkademika jgħodd ukoll għal komposizzjonijiet oħra li jinbagħtu biex jidhru f'"Il-Malti", u li ma għandhomx ikunu komposizzjonijiet li jkunu diġà dehru jew li għad iridu jidhru f'xi ġurnali jew rivisti oħra.

## ĦATRA TA' ĠIEĦ

Nifirħu bil-qalb kollha lis-Sur GEORGE J. RANSLEY għat-titlu ta' ġieħ ta' Kavalier Donat ta' l-Ordni Militari ta' Malta li lilu ngħata xi ġimgħat ilu.

Is-Sur Ransley hu Membru Akkademiku u Membru tal-Kunsill tal-"Għaqda", u dejjem wera l-akbar interess għall-istudju u progress tal-Malti. Huwa kien l-ewwel wieħed li sawwar bil-Malti sistema ta' Stenografija tal-Malti mqabbla fuq dik ta' "Gregg", li b'riħet il-klassijiet b'xejn li fetaħ ma' Malta kollha mxiet ħafna 'l quddiem fost l-istudenti Matin. Huwa wkoll l-Editur tal-"YOUTH", ġurnal istruttiv ħafna għaż-żgħażagħ tagħna, u li jmissu jkun f'idejn it-tfal ta' l-iskola kollha. Barra minn dan, il-ħidma li għaliha huwa magħruf minn tarf sa tarf tal-gżira ta' Għawdex hija dik taż-żminijet imwiegħra tal-gwerra, meta bħala Kummissarju ta' dik il-Gżira, Għawdxin u Maltin, sabu fih għajnuna kbira sabiex ma jħossux il-ħruxija ta' tbatijiet u n-nuqqas tal-bżonnijiet tal-ħajja fil-ħames snin li fihom Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha kienu għaddejjin mill-ikrah sigħat tal-ħajja tagħhom.

Bil-ħaqq kollu għalhekk jidher li dan il-ġieħ ingħata lilu bħala għożża tax-xogħol li għamel għall-ġid ta' Art twelidu, u li aħna għandna għalfejn nifirħulu.

# "IL-MONS. F.S. CARUANA"

## TIFSIR U TAGHRIF IEHOR

Ir-reċensjoni fuq il-ktejjeb tagħna "Il-Mons. F.S. Caruana" f'"Il-Malti" ta' Marzu, 1948, fiha xi tagħrif li għall-ħaqq u s-sewwa jinħtieġ xi tifsir u tagħrif ieħor minna wkoll.

Ibda biex, li kieku l-Promoturi stennew lill-Gvern jieħu ħsieb huwa biex issir Tfakkira tal-Mons. Caruana, kieku din aktarx ma kenitx issir kif ma sarux ta' Maltin kbar oħra. Dwar konkors għall-aħjar bijografija kieku stess nifhmu illi l-Gvern ma kienx ser jagħti l-premju lil min f'bijografija għal tfakkira nazzjonali ma seta' jsib xejn tajjeb fl-imġiba politika ta' Caruana.

Bħall-ħabib tagħna J. Galea, li kiteb ir-reċensjoni, naqblu li bijografija ma għandhiex tinkiteb sempliċement minn eloġju funebri, iżda din tgħin ħafna, wisq aktar meta, bħal fil-kas tal-Mons. Caruana, l-eloġju jsir minn parroċċi eċċ., u nittamaw li min jitħajjar jikteb bijografija fuq Mons. Caruana ma jiktibx biss minn dokumenti li ma jista' jarahom ħadd ħliefu jew li forsi nkitbu ħażin minn għedewwa jew fuq fehmiet politiċi kif drabi jiġri kontra patrijotti u diplomatiċi.

Il-ħsieb tal-Kumitat tat-Tfakkira fuq id-differenza bejn il-kelma Kanonku u Monsinjur kien li nagħtu ġieh lil Caruana sew bħala Kanonku eċċ., u kemm bħala Isqof li għalhekk beda mbagħad jissejjaħ Monsinjur, kif fisser Galea stess u kif hekk ukoll isemmuh kotba ta' l-istorja. Dwar l-aħħar żmien ta' l-Ordni li nfaħħru fejn jistħoqqlu u dwar il-ftehim ma' l-Ingliżi ma nafx min seta' s'issa jikteb sewwa fuq żmenijiet hekk imħawda. Xi asserzjonijiet tagħna jista' jkun li huma kontroversjali bħal ma jista' jkun li huma wkoll il-konklużjonijiet tagħhom; għalhekk fi ħwejjeġ kontroversjali għandna nirrispettaw il-fehmiet ta' xulxin mingħajr ma nagħmluha ta' mħallfin.

Il-kittieba li semmejna fil-bibljografija magħżulin b'reqqa fost oħrajn ukoll huma ta' siwi storiku u msemmijin mill-kittieba u minn J. Galea stess fil-ktieb "Il-Ħakma Franċiża f'Malta". Dan biex nuru li l-qalba tal-bijografija ma ktibnihiex sempliċement minn eloġju funebri kif donnu ried jfiehem J. Galea. Il-ktieb "The French in Malta", li huwa l-"Acts and Documents of the French Occupation in Malta", jeżisti b'dak l-isem qasir f'xi "Circulating Libraries".

Meta ktibna li Caruana "kellu bħal kull bniedem ieħor in-nuqqasijiet u aktarx l-ambizzjonijiet tiegħu wkoll li jekk mhumiex ta' siwi storiku jixraq li jibqgħu midfunin miegħu", b'hekk ma fissirniex li jekk inqanqlu l-mejtin ma għandniex inxommu l-irwejjaħ tagħhom ukoll, anzi bil-kelma **jekk** ħallejna bieb miftuħ għall-irwejjaħ, basta jkunu veri, approvati u ta' siwi storiku u mhux biex sempliċement fuq ċerti suppożizzjonijiet niktbu bijografija li fil-każ ta' Mons. Caruana aktarx tista' 'l quddiem tinkiteb itwal u aħjar bħala l-aħjar monument lilu kif fisser il-Prof. Zarb, O.P., f'għeluq il-'lecture' tiegħu fl-Università (ara "Scientia", Jan.-Marzu, 1948), fejn farrak fehmiet żbaljati ta' wħud dwar Caruana. Ħafna mit-tifħir ta' Bellanti għal Caruana ma semmejniehx.

Il-ktejjeb tagħna sar bil-ħsieb li fi tfakkira ta' Mons. Caruana jurı fil-qosor il-ħajja interessanti ta' dan il-Malti kbir l-aktar f'dak li sewa għal Malta bil-għerf, ħila u patrijottiżmu meħteġin fi bniedem diplomatiku kif kien il-Mons. F.S. Caruana li għalhekk jibqa' jissemma fl-istorja ta' Malta u ta' nazzjonijiet oħra (ara "Il-Malti" ta' Diċembru 1947, p. 127-128 u p. 137, kitba ta' Dr. Galea), li aħna l-Maltin kellna x'naqsmu magħhom f'sentejn imħawda li fihom kienet tinħtieġ imġiba, tattika, bdil ta' pulitika u diplomazija skond kif kien jaqbel lil Malta u l-Maltin, fosthom ukoll, u ma għandniex kieku stess għaflejn nistagħġbu, il-Mons. F.S. Caruana.

M. AGIUS.

# Reċensjonijiet

**ALBUM** — Mary Meylak. Lotus Press, Żejtun. 1948.

Din hi ġabra ta' poeżiji li ħarġet fi ktieb il-poetessa Għawdxija MARY MEYLAK, magħrufa għall-istil popolari u immaġinazzjoni qawwija u oriġinali tagħha. L-għażla tat-titlu hu mill-aħjar u l-iżjed milqut fost l-ismijiet li nsibu fuq il-qoxra tal-kotba l-oħra tagħha u joqgħod ħafna għax-xorta ta' poeżijiet li fih dan il-ktieb.

Meta tiftaħ dan il-ktieb tassew li tistħajlek qed tqalleb Album, għax fih issib ix-xbihat ta' ħafna personaġġi u ħwejjeġ storiċi, leġġendarji, popolari, tradizzjonali, intimi u toponomastiċi Għawdxin u għalhekk insibu u hu mqassam f'pitturi u xbihat: il-Gran Mastri ta' Malta, li huma mpinġijin f'sunetti, kull wieħed għalih; Kartolini ta' Tliet Grajjiet; Maltin Storiċi Fantastiċi, maħżużin fi kwadri, u Tliet Ritratti ta' Ħajja, imqassmin bħal xi oħrajn ta' qabilhom, fi kwartini ta' versi ottonari; Kartolini ta' Għawdex, li huma pitturi ta' diversi rħula, xtajtiet, bini storiku, għoljiet, eċċ., ıktarx imqassmin fi kwartini, settenari, ottonarı, senari u oħrajn b'metru varjat, u fost dawn, tiżwiqa ta' sunetti lil xi ħbieb tagħha.

Biex titkellem, tifli u tiddefenixxi l-psikoloġija ta' mara hija ħaġa wisq iżjed iebsa mill-problemi soċjali tal-lum, hekk ukoll xi ftit iebsa biex forsi tagħti apprezzament imwieżen u xieraq tal-poeżija ta' mara fejn is-sentimenti psikoloġiċi għandhom sehem kbir fl-istima ta' l-istil ġenju poetiku tagħha.

Mary Meylak trid tħares lejha minn ħafna bnadi fil-poeżija tagħha: sentimenti, immaġinazzjoni, lessiku u metrika. Is-sentimenti ta' din il-poetessa mhumiex forsi hekk fini fis-sunetti tal-Gran Mastri daqs kemm fil-ballati jew romanzi, bħal f'*Il-Warda Maltija* u *L-Anġlu tax-Xelter*, fejn il-qalb ta' mara għandha sehem kbir ta' sentimentaliżmu l-iktar fin, u hawnhekk Meylak uriet li għarfet tersaq lejn il-poeżija sentimentali ta' sħabha, fosthom ta' Ada Negri, għalkemm forsi l-poetessa tagħna qatt ma għamlet il-konoxxenza tagħha.

L-aqwa li tirkaċċa fil-versi ta' Meylak hija bla dubju ta' xejn l-immaġinazzjoni oriġinali tagħha, hekk oriġinali li ma tista' xxebbaħha ma'

l-ebda ħsieb ta' awturi oħra, sew ġewwenin kemm barranin, u li fiha din il-poetessa għandha dak il-preġju karatteristiku li minn ħaġa żgħira u materjali toħloqlok ħsieb l-aktar poetiku. Jiġi mbagħad illi xi idejiet 'l hawn u 'l hinn jitkaxkrulha ma' l-art.

Bejn is-sentimenti u l-immaġinazzjoni hemm, igħidu, rabta u proporzjon kbira, iżda ma jidherx li huwa hekk dejjem, kif naraw f'dawn il-poeżiji ta' Meylak, fejn l-immaġinazzjoni togħla wisq iżjed mis-sentiment u kultant tħallih lura mhux ftit. Għal dak li hu lessiku naħsbu illi Meylak baqgħet mifruda mit-tajfa tal-poeti ġodda Maltin li mill-bidu tas-seklu għoxrin taw lill-poeżija Maltija l-libsa tal-poeżija klassika Taljana, kif ukoll tal-poeżija nordika Ingliża u realistika — u dana narawh sew fil-lessiku kemm ukoll fl-istil u fil-versifikazzjoni tagħha. Hija ħaġa li tolqot il-għajn ta' kull studjuż tal-letteratura Maltija n-nomenklatura ftit u xejn prosajka, biex ma ngħidx volgari, li nsibu fil-versi 'l hawn u 'l hinn ta' din il-poetessa, l-idjotismi u l-frażjoloġija familjari u konversazzjonali li forsi jimxu tajjeb fil-proża, iżda le fil-poeżija. Għal dik li hi metrika naħseb li Meylak ma tħobbx toqgħod wisq għal xi reguli wkoll fondamentali tal-metrika. Ir-rima għal Meylak xi mindaqqiet tiswa wisq iżjed mill-ħsieb, u, fejn hija massima li l-ħsieb għandu jkun is-sid u r-rima l-qaddejja, fil-poeżija ta' Meylak, ir-rima hija s-sid u l-ħsieb huwa l-qaddej, bħalma naraw fis-sunetti tal-Gran Mastri. Ir-rima f'dawn is-sunetti, fejn l-erbatax-il vers iżommu fuq l-istess assonanza ta' rima, hija waħda mill-karatteristiċi ta' dan ix-xorta ta' sunett maħluq mill-kapriċċ poetiku tagħha. Fil-versi l-oħra, bħalma jidher, jaħkmu l-kwartini bis-settenarju u bl-ottonarju li huwa l-iktar mexxej għall-widna. Fil-ballata jew romanza l-vers huwa mżewwaq b'xi metru iżjed artistiku u xieraq għal din ix-xorta ta' poeżija: is-senarju mtenni f'vers wieħed b'assonanza waħda fir-rima tal-kwartini.

Sew il-lessiku kemm il-metru kemm ukoll l-idejiet tal-poeżija estemporanea tagħha, li fil-widna ddoqq iżjed u tinħass iżjed mexxejjà u ħelwa minn dik ta' poeti oħra sħabha, minn Mary Meylak għamlu l-figura ta' poetessa popolari.

Ħaġa oħra li għaliha l-poeżija ta' Meylak ma tistax toqgħod ma' ġenb l-oħra li nibtet fi żmien wieħed mill-moħħ ta' poeti żgħażagħ u xjuħ li żejnu l-letteratura Maltija b'sura ta' poeżija klassika li qabel qatt ma kellna bħalha, huwa n-nuqqas ta' kostruzzjoni sintattika fil-versi fejn is-sens huwa 'l hawn u 'l hinn imdennes u mbixkel, u xi soleċismi ċkejkna, fost dawn xi forom verbali li ma jagħtux grammatikalment it-tifsira sewwa ta' ħsieb il-poetessa. Iżda dawn ma jtellfux il-preġi karatteristiċi tal-poeżija Meylakjana, u jekk kultant insibu fiha xi espressjonijiet prosajċi bħala tpattija nsibu mbagħad fiha immaġinazzjoni mfissra b'espressjonijiet sintetiċi u milqutin li tagħżel lil din il-poetessa għaliha u li tagħtiha waħda mill-isbaħ irkejjen fil-ġabra tal-poeżija moderna Maltija.

Ma' l-ALBUM waslilna wkoll il-ktieb NIRRAĠUNAW U NITBISSMU ta' l-istess awtriċi. Imħabba n-nuqqas ta' wisa' nitkellmu fuqu darb'oħra.

a.c.

**IDJOMI MALTIN** — Imfissra u mwettqa b'siltiet minn kitba siewja. — Karm. Fenech. — Lux Press. 1948.

Dan hu t-tielet ktieb li s'issa ħareġ dan l-awtur dwar il-kitba Maltija f'dawn l-aħħar tliet snin. L-ewwel wieħed kien TAHRIĠ FL-ILSIEN MALTI magħmul fuq il-metodu ta' Hammond fl-ilsien Ingliż, it-tieni hu ġabra ta' QWIEL MALTIN li bosta minnhom insibuhom f'dawk ta' De Soldanis u ta' Vassalli u fl-Istorja ta' Malta ta' Castagna, it-tielet huwa dan il-ktieb fuq l-IDJOMI MALTIN maħdumin, tista' tgħid, bl-istess kriterju li fuqu mexa Dixon fl-Ingliż.

Il-ħtieġa li l-istudent ikollu f'idejh kotba bħal dawn dlonk għandek tħossha. il-lum li l-Malti jistudjawh kollha sew għall-eżamijiet pubbliċi kemm għall-Matrikola fejn kotba bħal dawn huma ta' fejda kbira, jekk mhux fl-ewwel klassijiet ta' skejjel elementari, fil-klassijiet Liċeali u Sekondarji kif ukoll Universitarji.

Forsi l-ewwel żewġ kotba maħruġin minn dan l-Awtur kienu iżjed ta' ħtieġa fl-ewwel żmenijiet tat-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel milli dan, issa li l-Malti mexa hekk 'il quddiem.

Illi tkun taf l-idjomi Maltin hija ħaġa li biha l-kittieb iżid u jorqom l-istil tal-kitba tiegħu. Iżda mhux l-idjomi kollha huma biċċa għodda tajba biex jibnu l-kitba Maltija u jorqmuha. Hemm kitba li trid li l-idjoma tkun l-idjoma *prożajka* jew aħjar *letterarja*, u hemm oħra, bħalma hija f'xi kitba narrativa, fejn l-idjoma familjari u konversazzjonali tista' toqgħod tajjeb; hemm imbagħad l-idjoma volgari li l-Ingliż isejħilha *slang*, fejn din ma tidħolx ħlief f'xi rokna żgħira tal-kitba Maltija, meta din trid tirrispekkja xi episodju karatteristiku tal-ħajja baxxa, fejn wieħed jista' jinqeda bi frażijiet volgari, kif mill-bqija jurina l-Awtur stess fl-eżempji li jagħtina fil-ktieb. Hafna minn dawn l-idjomi jew frażijiet jafuhom, tista' tgħid, il-biċċa l-kbira tal-Maltin, ibda mir-reffiegħ tas-suq sa l-aqwa bniedem tat-toga.

Minn dawn il-frażijiet, mill-eżempji li tana l-Awtur, jidher li hemm it-tnejn mit-tlieta tal-ġabra. Iżda hemm kitba tajba, u li tista' tgħid klassika, li ma tużahomx għax l-istil ta' dik il-kitba ma jridhomx. Aħna ma qgħadniex niflu waħda waħda minn dawn l-idjomi, għax tassew li hemm x'tifli, iżda mill-ftit li flejna rajna li 'l hawn u 'l hinn lill-Awtur żelqulu xi waħdiet li huma komuni. Iżda dan ma jfisserx li l-Awtur ma għamilx ħiltu kollha biex jagħtina biċċa xogħol mitmuma u mirquma minn kollox.

Billi kif jidher, l-Awtur ried jimxi pass pass ma' kotba bħal dawn f'ilsna oħra, l-iktar fl-Ingliż, huwa fettex li ta' kull frażi jew idjoma jagħti eżempju b'silta minn kotba ta' awturi Maltin, li tagħhom iġib bibljografija alfabetika fl-aħħar tal-ktieb. Aħna naħsbu li għax-xorta tal-biċċa l-kbira ta' idjomi li hemm miġburin fil-ktieb qajla kien hemm il-bżonn li jwettaqhom b'eżempji minn kitba ta' awturi oħra meta dawn l-idjomi huma hekk popolari u f'ħalq kulħadd li qajla l-kittieb ikollu għalfejn iwettaqhom bl-awtorità ta' kittieba oħra jew ifittixhom bil-musbieħ ta' ħaddieħor.

Il-metodu ta' l-awtur biex tfittex idjoma jew frażi hu, tista' tgħid,

dak ta' l-awturi fl-Ingliż, jiġifieri l-qarrej ifittex taħt l-ewwel nom, imbagħad taħt l-aġġettiv, u fl-aħħar taħt il-verb tal-frażi. Iżda jidhrilna li taħt il-varbi *qala'* u *qata'* hemm xi fraiżjiet li setgħu daħlu, fejn dawn il-verbi jiġu li jagħtu iżjed minn tifsira waħda idjomatika, barra mit-tifsira sempliċi tagħhom. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għal xi verbi oħra bħal: *Dak iqum u joqgħod* (ma jippurtahx); *ħaraqha* (xorobha); *ħa għalih*; *qagħad għaliha*; *qagħad taħtha*, eċċ. Hemm xi frażijiet verbali li joħorġu min-nom bħal: *tħanżer*, *tmellaħ*, *iffonda*, *żambarha* (minn żambur) li jixraq li wieħed idaħħalhom, għalkemm biċċa minnhom jaqgħu taħt il-kategorija tal-frażjoloġija *slang* Maltija.

Iżda l-iktar ħaġa li kienet tinħtieġ f'lista ta' idjomi Maltin għall-istudenti tal-Malti hija dik il-frażjoloġija safja Maltija li qiegħda tmut f'ħalq il-poplu ta' l-ibliet u magħrufa biss f'xi rkejjen tal-kampanja u li l-lum hija nieqsa fil-vokabolarju Malti u li biha tista' tiżżejjen il-letteratura Maltija. Frażijiet ġenwini bħalma huma: *wiċċu jitbettaħ kuljum; għall-fqir il-qamar musbieħ u l-basal tuffieħ; Malta ma tbarrix qamħ* (il-lum iktarx ingħidu *ma tirruftax qamħ*); *bejjet ma sebaħ; ħadd ma jidħaklek għal bjad snienek; aħjar bid-dliel inkella bil-herra* u ħafna oħrajn li tagħhom tana eżempji sbieħ kemm-il-darba, il-mejjet Rikard Mifsud Bonnici f'"Il-Malti".

Qabel ma nagħlqu dan id-daqsxejn ta' studju kritiku xtaqna illi l-qawl taħt il-kelma "ħmar": *Il-ħmar il-magħqus idur għalih id-dubbien* jinqara: *Il-ħmar il-magħkur idur għalih id-dubbien*, fejn il-kelma **magħkur** (misluħ bil-ġrieħi) qiegħda iżjed sewwa flok **magħkus** li ma tagħtix is-sens mitlub mill-qawl Malti. a.c.

**FIL-ĠNEJNA TAT-TFULIJA.** — Dun Frans Camilleri. — Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp.—Hamrun.

Ġabra ta' xi 33 poeżija ċkejkna, sempliċi, iżda ħelwin u xi mindaqqiet għoljin fil-ħsieb, miktubin għat-tfal. L-istrofi fil-biċċa l-kbira huma mfasslin fuq il-qatgħa ta' ritmu popolari Malti, jiġifieri bi strofi ta' erba' versi ottonari, settenari u kwinari. Xi poeżija 'l hawn u 'l hinn għandha l-versi tagħha b'sillabi mħallta skond in-natura tas-suġġett; oħrajn, fejn jidħol ħsieb ħiemed jew kiebi, il-versi huma novenari. L-iktar li laqtuna għall-motiv ritmiku tagħhom, u jimxu mal-ħsieb, huma l-versi mtarrġin ottonari tal-poeżija "Fuq il-Bandla" u l-oħra "Il-Għolja" li jibdew bl-iċken sillaba ta' tnejn u jispiċċaw b'żewġ versi tad-disgħa.

Għalkemm, bħalma għedna, il-ħsieb huwa sempliċi u l-versi mexxejja u popolari, it-terminoloġija u l-kostruzzjoni huma eżempji sbieħ ta' stil poetiku letterarju. Il-poeżiji li għoġbuna għal dak li hu ħsieb u għelun sabiħ tagħhom huma: "Fergħa taż-Żebbuġ", "Bżieżaq", "In-Nemel", "Fir-Riħ" u "Il-Għanja tas-Snin". Poeżija ta' din il-għamla konna għadna ftit u xejn neqsin minnha, iżda biha Dun Frans, ma' dik li ħabat ikollna fil-bidu tal-qawmien tal-kitba Maltija mill-pinna ta' Pisani u Cuschieri, li naqraw fl-"Ewwel Ġabra ta' Ward ta' Qari", ta' l-Iskejjel tal-Gvern, żied daqsxejn ta' tagħmira sabiħa li 'l quddiem, b'xogħlijiet oħra bħal dawn mill-pinna għalliela tiegħu, tkun tiswielna biex inżewqu l-antoloġiji ta' l-iskejjel tal-Gvern. a.c.

# WERREJ GHAS-SENA 1948


**A.C.**
Ninu Muscat Fenech ... ... ... ... ... ... ... facċ. 36
Il-Mewt ta' Tlitt Iħbieb ta' "Il-Malti" ... ... ... ... ,, 89

**Agius, M.**
"Il-Mons. F.S. Caruana ... ... ... ... ... ... ,, 122

**Apap, Vic**
L-Aħħar Kapitlu ... ... ... ... ... ... ... ,, 13

**Busuttil, Kapt. J.E.**
It Tielet Konkors Teatrali ... ... ... ... ... ... ,, 52

**Camilleri, Dun Frans**
*Tinżilx, ja Xita!* ... ... ... ... ... ... ... ,, 39
*Omm Helwa tal-Bnedmin* ... ... ... ... ... ... ,, 104

**Cassola, Albert M.**
Pape Satan Aleppe ... ... ... ... ... ... ... ,, 107

**Chetcuti, Ġużè**
Rapport tas-Segretarju għall-1947 ... ... ... ... ... ,, 10
*U Hekk għal Dejjem* ... ... ... ... ... ... ,, 112

**Cremona, A.**
It-Tielet Konkors Teatrali ... ... ... ... ... ... ,, 52
Wara Sidu sal-Mewt ... ... ... ... ... ... ... ,, 76

**Editur**
Il-Jedd tal-Lsien Malti ... ... ... ... ... ... ,, 3
Il-Bieraħ u l-Lum ... ... ... ... ... ... ... ,, 33
Inkunu Rġiel ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 65
Biex Niftiehmu ... ... ... ... ... ... ... ,, 97
Pranzu f'ġieh il-President tal-Għaqda fit-"otel Phoenicia" ... ,, 99
Kronaka ta' "Il Malti" ... ... ... ... ... ... ,, 120

**Ellul, Louis**
*Għanjiet ta' Mħabba* ... ... ... ... ... ... ,, 93

**Ellul Mercer Ġużè**
Mid-Diarju Tiegħi ... ... ... ... ... ... ... ,, 69

**Farrugia, Kan. Ġ.M.**
*It-Tberik tal-Mejda* ... ... ... ... ... ... ... ,, 103

**Farrugia, Mons. Dun Ġużepp**
*L-Għar ta' Kalipsu* ... ... ... ... ... ... ... ,, 9

**Fenech, K.**
Dawra f'Ta' Frankuni ... ... ... ... ... ... ,, 72

**Galea, Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H.**
Coleridge u Malta ... ... ... ... ... ... ... ,, 43
Cassola bħala Awtur Drammatiku ... ... ... ... ... ,, 106

**Gatt, S.**
*Uganda* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 49

**Gulia, Wallace, B.A., B.Sc., Ph.C.**
*Friefet* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 39
*Tifkiriet* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 41
*Settembru* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 71

**Micallef De Caro, Nut. C.**
Niccolò Isouard ... ... ... ... ... ... ... ,, 48

**Muscat Azzopardi, Ċino**
It-Tielet Konkors Teatrali ... ... ... ... ... ... ... ,, 52

**Nemo**
*Jekk lejn is-Sema Tħares* ... ... ... ... ... ... ... ,, 119

**Nicholas, Fredu**
Il-Lsien Għarbi ... ... ... ... ... ... ... ,, 60
Il-Lsien Għarbi ... ... ... ... ... ... ... ,, 86

**R.M.B.**
Ġawhar ta' Hrejjef ... ... ... ... ... ... ... ,, 41

**Reċensjonijiet** ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 123
Werrej tas-Sena 1948 ... ... ... ... ... ... ,, 127

**Serracino Inglott, Erin**
*Sunetti tal-Gwerra* ... ... ... ... ... ... ... ,, 40
*Ġesù u l-Madliena* ... ... ... ... ... ... ... ,, 104

**Sniar**
It-Teatru bl-Ilsien Malti ... ... ... ... ... ... ,, 67

**Testa, John Michael**
*Jum is-Sibt fir-Raħal* ... ... ... ... ... ... ,, 8

* * *
*Din ta' sidek l-għajta* ... ... ... ... ... ... ,, 64

---

## KONTRIBUZZJONIJIET GHAR-RIVISTA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kav. Dr. Ġ. Galea, M.D., D.P.H., M.B.E. ... | £1. | 15. | 0 |
| Dr. Rużar Briffa B.Sc., M.D. ... ... ... | | 5. | 0 |
| Is-Sur Lewis Said ... ... ... ... ... | | 17. | 6 |

MA TGHODDX IL-HIDMA EWLENIJA U LIEŻMA

TA' MIN GHAŻAQ U ŻARA' F'ART XAGHRIJA

FEJN MAS-SNIN HADNA L-ISBAH GHELEJJEL

TNISSLU MINNHA L-ISBAH XITLIET LI MINNHOM

HADNA SIĠAR U FROTT

XEJN MA JGHODD META M'HEMMX IL-FEHMA

TA' QALB GHALENIJA

LI ŻŻOMM MAGHQUDA U SHAH

IL-HADDIEMA TA' DINA L-ART

BIEX IHARSUHA MILL-GHEDEWWA LI JRIDU

JIŻIRGHU L-GHILT FOSTHOM

IFIXKLU X-XOGHOL U JBERRDU L-HEĠĠA

TAL-HSIEB U TAL-QALB.

DIRETTUR: Dr. Gużè Galea, M.D., D.P.H., M.B.E.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 2/6 fis-sena. Ktieb wieħed 1/-.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat
lil Victor Apap, 150, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

JALLA S-SHAB IKREH

LI DEHER FUQ IX-XEFAQ

TA' GHELUQ DIN IS-SENA

JISFA' F'SEMA MDAWWAL MA' SBIH IS-SENA L-ĠDIDA

BIEX GHAJNEJNA JINTREFGHU 'L FUQ

MINN FEJN NISTENNEW IS-SLIEM U R-RISQ

GHAX-XIRKA LI QIEGHDA TGHAQQADNA LKOLL

FUQ DIN L-ART GHALLIELA

MXARRBA BIL-GHARAQ TAL-HIDMA

MŻEJNA B'ĠUBLEW TAL-FIDDA.

31. 12. 1948.